32004D0925

L 395/68 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.12.2004

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Diċembru 2004

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-amministrazzjoni tal-finanzjament ta' l-ispejjeż komuni ta' l-operazzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea li għandhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża (ATHENA)

(2004/925/CE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 13(3), u l-Artikolu 28(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/197/PESK [1] li tipprevedi li l-ewwel reviżjoni tagħha għandha sseħħ qabel it-tmiem ta' l-2004.

(2) Meta adotta l-Azzjoni Konġunta 2004/570/PESK tat-12 ta' Lulju 2004 dwar l-operazzoni militari ta' l-UE fil-Bosnja-Ħerzegovina [2], il-Kunsill innota l-ħtieġa li jikkonsidra, fir-reviżjoni li jmiss ta' ATHENA, numru ta' kwistjonijiet.Id-Deċiżjoni 2004/197/PESK għandha għalhekk tiġi emendata,

(3) Id-Deċiżjoni 2004/197/PESK għandha għalhekk tiġi emendata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2004/197/PESK tiġi b'dan emendata kif ġej:

1) Fl-Artikolu 14:

(a) il-paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Barra dan, ATHENA għandha tassumi l-ispejjeż komuni operazzjonali elenkati fl-Anness II matul il-perjodu mill-approvazzjoni tal-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżijiet għall-operazzjoni sal-ħatra tal-kmandant ta' l-operazzjoni. F'ċirkostanzi partikolari, wara li l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ikun ġie kkonsultat, il-Kumitat Speċjali jista' jimmodifika l-perjodu li fih dawn l-ispejjeż għandhom jiġu assunti minn ATHENA.";

(b) il-paragrafi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda:

"6. Il-Kumitat Speċjali jista' jiddeċiedi abbażi ta' kull każ għalih li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ċerti spejjeż inkrementali barra minn dawk elenkati fl-Anness III-B għandhom jitqiesu bħala spejjeż komuni għal xi operazzjoni waħda partikolari matul il-fażi attiva tagħha.

7. Il-Kunsill u l-Kumitat Speċjali għandhom jiġu informati mill-Istati Membri, permezz ta' l-amministratur, dwar arranġamenti ta' qsim ta' spejjeż li jieħdu sehem fihom fil-kuntest ta' operazzjoni ta' l-UE.".

2) Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda fl-Artikolu 21(3):

"Dawn il-proposti għandhom jiġu kkunsidrati bħala approvati sakemm il-Kumitat Speċjali ma jiddeċidix mod ieħor sal-15 ta' Marzu.".

3) Is-sentenza li ġejja għandha tiġi miżjuda fl-Artikolu 24(4):

"Madankollu, meta l-operazzjoni hija ppjanata li ddum iżjed minn sitt xhur, il-bilanċ tal-kontributi għandu jitħallas permezz ta' rati kull sitt xhur. F'tali każ, l-ewwel rata għandha titħallas fi żmien xahrejn mill-bidu ta' l-operazzjoni; it-tieni rata għandha titħallas f'terminu perentorju li għandu jiġi stabbilit mill-Kumitat Speċjali billi jaġixxi fuq proposta mill-amministratur, b'kont meħud ta' ħtiġijiet operazzjonali. Il-Kumitat Speċjali jista' jmur lil hinn minn dawn id-disposizzjonijiet.".

[1] ĠU L 63, 28.02.2004, p. 68.
[2] ĠU L 252, 28.07.2004, p. 10.

4) Fl-Artikolu 28, it-test eżistenti għandu jiġi enumerat u jsir il-paragrafu 1, u l-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"2. Meta ħlas ikun mhux iżjed minn għaxart ijiem tard, l-ebda interess ma għandu jiġi applikat. Meta ħlas ikun iżjed minn għaxart ijiem tard, l-interessi għandhom japplikaw għad-dewmien kollu.".

5) Fl-Artikolu 29, il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"6. Il-Kumitat Speċjali jista' japprova regoli għall-implimentazzjoni ta' infiq komuni li jmorru lil hinn mill-paragrafu 4.".

6) Fl-Artikolu 38, il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"8. Kull Stat Membru li jipparteċipa f'operazzjoni għandu jipprovdi informazzjoni sal-31 ta' Marzu kull sena lill-amministratur, fejn xieraq permezz tal-Kmandant ta' l-Operazzjoni, dwar l-ispejjeż inkrementali li għamel għall-operazzjoni matul is-sena finanzjarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tiġi diviża biex turi l-elementi prinċipali ta' infiq. L-amministratur għandu jiġbor din l-informazzjoni sabiex jipprovdi lill-Kumitat Speċjali b'idea ġenerali ta' l-ispejjeż inkrementali ta' l-operazzjoni.".

7) Fl-Anness II, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Spejjeż inkrementali ta' trasport u akkomodazzjoni neċessarji għal missjonijiet esplorattivi u għal tħejjijiet (partikolarment missjonijiet ta' kisba ta' fatti u ta' tkixxif) minn forzi militari bil-ħsieb ta' operazzjoni militari speċifika ta' l-Unjoni.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, nhar it-22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. VEERMAN